MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 446/2004

**Thomas Smith Insurance Agency Limited (C5637) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha bil-polza u bil-ligi, u l-assikurat taghha Nicola Maria Frances De Gabriele (I.D. Card No. 24783M)**

**Vs**

**Zoheir Ismail Hazzouri u b'digriet tas-16 ta' Gunju, 2004 it-Tribunal innomina lil Dr Vincent Galea LLD bhala Kuratur Deputat tal-assenti**
**Zoheir Ismail Hazzouri u b'digriet tal-24 ta' Settembru, 2004 it-Tribunal irrevoka d-digriet tas-16 ta' Gunju, 2004 u nnomina lil Citadel Insurance plc bhala Kuratur Deputat sabiex tirrapprezenta lill-assenti Zoheir Ismail Hazzouri**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' hames mija u tnax-il lira Maltin u centezmu (Lm512.01c) rapprezentanti danni subiti b'rizultat ta' kollizjoni li sehhet fit-30 t'April, 2003 fi Triq il-Pellikan, San Gwann bejn il-vettura Lancia Thema bin-numru ta' registrazzjoni CBD 805 misjuqa mill-konvenut u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni NDG 111 misjuqa minn Nicola De Gabriele liema ncident gara unikament tort u htija tal-konvenut minhabba sewqan traskurat u negligenti u minhabba li naqas li jzomm *a proper lookout* kif ser jigi ppruvat waqt il-kawza.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb li huwa ma jahtix ghall-incident *de quo* u li d-danni huma kkontestati.

Sema' x-xhieda ta' WPS 131 Nicolette Leotta, Nicola De Gabriele u ta' Zoheir Ismail Hazzouri.

Ra l-verbal tad-19 ta' Mejju, 2005 li bih il-konvenut ressaq eccezzjoni ulterjuri fis-sens li l-konvenut igawdi minn immunita' diplomatika f'materja civili taht il-Konvenzjoni ta' Vjenna Dwar ir-Relazzjonijiet Diplomatici.

Ra n-Note Verbale tas-26 ta' Settembru, 2005 rilaxxata mill-Ambaxxata tal-Palestina li biha l-istess Ambaxxata rrinunzjat ghall-immunita' diplomatika ta' l-istess Zoheir Ismail Hazzouri u dan wara li saret talba lilha mill-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin u in vista ta' dan il-konvenut irrinunzja ghall-eccezzjoni dwar l-immunita' diplomatika.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Massimo Vella ghall-atturi u ta' Dr Philip Magri ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi Nicola De Gabriele kienet qieghda ssuq minn Triq il-Pellikan, cjoe' dik it-triq li taqsam Wied Ghomor, San Giljan li tiehdok minn Swieqi ghal San Gwann u vice versa. Hija kienet sejra mid-direzzjoni ta' Swieqi lejn San Gwann u kienet tiela' t-

telgha ta' Triq il-Pellikan. Il-konvenut kien gej mid-direzzjoni opposta. L-attrici xehdet illi hija lemhet il-vettura tal-konvenut ftit qabel il-kollizjoni u ghalhekk hija gibdet kemm felhet lejn il-genb izda xorta wahda l-konvenut baqa' diehel fiha u laqatha fil-genb u mbuttaha mal-hajt tas-sejjieh li hemm fil-genb.

Il-konvenut xehed illi fil-fatt huwa kien gej mid-direzzjoni opposta izda li l-attrici kienet gejja bi speed eccessiv u li fil-fatt hi laqtitu bil-parti ta' quddiem taghha.

Minn ezami ta' l-i*sketch* u mid-dokumenti esebiti t-Tribunal jinnota li fil-fatt il-hsara fil-vettura tal-konvenut qieghda minn quddiem man-naha tal-lemin, cjoe' fix-xewka ta' quddiem, mentri fil-karozza misjuqa mill-attrici l-hsara qieghda mal-genb, cjoe' maz-zaqq tal-karozza.

Skond il-**Highway Code paragrafu 220** jintqal hekk:

"**220.** Adapt your driving to the appropriate type and condition of road you are in. In particular:
• when two vehicles going in opposite directions meet on a hill, unless signs indicate otherwise, the vehicle going uphill has priority over the vehicle going downhill."
Din il-klawsola mhux necessarjament tfisser illi min ikun tiela' t-telgha jkollu r-*right of way* izda, jekk zewg vetturi jkunu gejjin minn direzzjoni opposta, z-zewg vetturi jkunu jafu min minnhom ghandu jcedi biex jghaddi l-iehor. F'sitwazzjonijiet simili u partikolarment fejn ghandek *country lanes* fejn it-toroq iserpu u jkunu ta' wisa' mhux uniformi, s-sewwieqa relattivi ghandhom izommu *a proper lookout* u jaddattaw is-sewqan taghhom ghac-cirkostanzi li jinsabu fihom.
Fil-post fejn sehh l-incident in kwistjoni t-triq m'hijiex wiesgha bizzejjed biex zewg vetturi jghaddu komodament. Iz-zewg partijiet messhom kienu jafu illi stante n-natura tat-triq kif inhi, jekk ikun hemm karozza gejja mid-direzzjoni opposta, haga li facilment setghet issehh, huma jkunu pronti bizzejjed li jkunu jistghu jevitaw milli ssir kollizjoni.
Minn ezami ta' dak li rrizulta lil dan it-Tribunal dwar kif kienu qed isuqu l-partijiet, jirrizulta illi l-attrici verament

zammet *a proper lookout* u addattat is-sewqan taghha ghac-cirkostanzi, fis-sens li hija lemhet il-vettura tal-konvenut gejja, u meta ratha hija gibdet lejn il-genb u waqfet. Fil-mument li sehhet il-kollizjoni l-vettura taghha kienet wieqfa. Bhala konferma ta' dan insibu l-fatt illi l-hsara taghha qieghda maz-zaqq tal-karozza u mhux min-naha ta' quddiem u inoltre jidher car illi hija giet imbuttata lateralment mill-vettura misjuqa mill-konvenut li del resto, jekk wiehed ihares lejn l-i*sketch* akkuratament, jinduna li man-naha tax-xellug tieghu huwa kellu spazju bizzejjed bejnu u bejn il-hajt tas-sejjieh biex, kieku gibed aktar lejn ix-xellug, kien hemm possibbilta' li jevita l-kollizjoni.
Illi ghalhekk it-Tribunal isib illi l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-kollizjoni minhabba l-mod kif kien qed isuq billi ma kienx qed izomm *a proper lookout* u inoltre, m'addattax is-sewqan tieghu ghall-inhawi li kien qed isuq fih.
Ghar-rigward tal-*quantum* tad-danni, mid-dokument a fol 36 tal-process jirrizulta illi kien hemm spiza ta' mija u tmenin lira Maltin u tlett centezmi (Lm180.03c) bhala *parts*, *labour* u *spray* ammontaw ghal tlett mija u tlett liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm303.23c) – total ta' erba' mija u tlieta u tmenin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm483.26c). Ma gew prodotti l-ebda provi ohra dwar l-entita' tad-danni u ghalhekk it-Tribunal m'ghandux alternattiva illi, stante l-kontestazzjoni ta' l-istess li jilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma fuq imsemmija ta' erba' mija u tlieta u tmenin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm483.26c).
Stante d-differenza zghira bejn l-ammont mitlub u l-ammont fuq likwidat it-Tribunal ma jhossx li ghandu jkun hemm rifless fuq il-kap ta' l-ispejjez.
Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni u konsegwentement jikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u tlieta u tmenin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm483.26c) bl-interessi u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------